MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1279/2008

Il- Pulizija
[Spettur Angelo Gafa`]

vs

Lawrence Mizzi

Kumpilazjoni numru: 1279/2008

Illum, 29 ta’ Dicembru, 2008,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Lawrence Mizzi ta’ 28 sena, bin Lawrence u Mary nee’ Gauci, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Gunju 1980, residenti fi 13, Triq il-Lvant, Birgu, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 316180(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Diċembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, bħala *player* ta' St George's Football Club, aċċetta jew kiseb, jew ftiehem li jaċċetta jew jikseb, jew jipprova jikseb, mingħand xi persuna għalih innifsu jew għal xi persuna oħra, tkun min tkun, xi rigal jew kumpens, sabiex jitħajjar jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, ikun għamel jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa li l-egħmil jew in-nuqqas ta' l-egħmil tagħha huwa kontra l-interessi tan-naħa li jilgħab magħha, jew kontra l-interessi tal-persuna jew każin li jkun qabbdu jew li għalih ikun jidher;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ta, jew ftiehem li jagħti jew joffri jew ippropona lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra ghandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil xi *players* ta' St George's Football Club, biex iħajjarhom jagħmlu jew bi tpattija talli jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, ikunu għamlu jew naqsu milli jagħmlu xi ħaġa li, jekk issir jew jonqsu milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-istess Att.

Rat l-artikoli 3(1)(3) tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha wahda n-natura tar-reati odjerni u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 3(1)(3) tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin, u ghal multa ta’ hames mitt Euro (Euro500) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------